## 11 ta' Novembru, 1985

## Imħallef:-

## Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.

Louis Cuschieri *noe*

*versus*

Albert Mizzi *noe*

## *Polza di Carico* - Frażi ta' '*Said to Contain*'

*Il-frażi 'said to contain' f' polza di carico ġiet interpretata hekk mill-Qrati tagħna u ċjoè : "Ha precisamente per iscopo di proteggere al capitano contro la differenza che potrebbe esistere tra la quantitàrealmente carricata e quella che figura sulla polza di carico. È vero che malgrado la clausola 'dice essere', tanto il carricatore quanto il ricevitore puòsempre provare che la deficienza nella merce scaricata è dovuta a colpo o dolo dal capitano; però per effetto di detta clausola, si fatta colpa, e molto meno il dolo, del capitano non protrebbere presumersi nè desumersi dalla sola differenza fra le indicazione della polizza e la quantità trovate alle scarico. In una parola la detta clausola ha per effetto di addossare al ricevitore incaso di contestazione la prova che all'infuori del solito calo di tolleranza ammesso dall'uso, la quantità di merce caricata all'origine supera quella consegnata allo arrivo, in altri termini, per quella clausola, il capitano resta esonerato dal verificare il peso dichiarato nella polizza, ed essa ha pure l'effetto di investire l'onere della prova, che altriminenti sarebbe a peso dal capitano, circa la consegna integrale dal carico .*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi skond il-*polza di carico* tgħabba fuq il-vapur 'Żejtun' tas-soċjetà konvenuta *Sea Malta Company Limited*, *container* kontenenti sitta u disgħin kaxxa maljerija esterna tan-*neonati* destinat għall-assikurat tas-socjetà attriċi, Eleno Gauci tad-ditta '*Big Ben*', u peress illi meta l-*container* wasal Malta fl-14 ta' Novembru, 1977, u l-*container* ġie rilaxxjat mid-dwana nstab li kien hemm ħmistax-il kaxxa maljerija nieqsa u kien hemm xi kaxex oħra inqattgħin u b'maljerija nieqsa minnhom, kif jirriżulta dettaljatement mis-*survey report*, b'dana illi l-assikurat tas-socjetà attriċi sofra danni fl-ammont ta' Lit.3157.650 u spejjeż inċidentali u relattivi oħra, u ġie għalhekk indeminizzat mis-socjetà attriċi fl-ammont ta' Lit.3,380.180. ekwivalenti għas-somma ta' elf ħames mija u tletin Lira Maltija (Lm1,530) anki kif jirriżulta mill-prospett;

U peress li interpellati jagħmlu tajjeb għal dawn id-danni, is-soċjetajiet konvenuti baqgħu t-tnejn inadempjenti;

L-istess attur talab li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom jiġu minn din il-Qorti ritenuti responsabbli għall-mankata konsenja tal-maljerija fuq imsemmija; u li jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lit.3,380.180 ekwivalenti għas-somma ta' elf u ħames mija u tletin Lira Maltija (Lm1,530) flimkien ma'l-imgħaxijiet kummerċjali, in rifuzzjoni ta' l-indemmnizz minnu mħallas lir-riċevitur danneġġjat assikurat mas-socjetà attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine* jew min minnhom.

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Albert Mizzi *et nomine* li biha eċċepixxa:

Illi in kwantu diretta kontra l-eċċipjenti t-talba attriċi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi minn fuq il-vapur 'Żejtun' ġie skarikat dak kollu destinat għad-ditta '*Big Ben*';

Illi fi kwalunkwe kaz u bla preġudizzju r-responsabilità tal-eċċipjenti hi limitata *a tenur* tal-klawżoli 5 u 19 tal-polza tal-kariku;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-Nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' William Scicluna u Godwin Abela bħala Diretturi u in reppresentanza tas-Soċjetà *The Cargo Handling Company Limited* li biha eċċepew:

Illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti *nomine* huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li n-nuqqas u d-danni li qed jiġu allegati fiċ-ċitazzjoni li ġew sofferti mid-ditta *Big Ben* ma ġewx kawżati minn *The Cargo Handling Company Limited* kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta li f'Livorno tgħabba *container* Numru SMCU 220052/3 fuq l-M.V. Żejtun destinat għad-ditta *Big Ben* ta' Birkirkara. Fil-*container* suppost li kien hemm 96 kaxxi ta' maljerija esterna tat-trabi. Tgħabba f'Livorno fl-10 ta' Novembru, 1972, u l-vapur wasal Malta fit-13 ta' Novembru u l-*container* tniżżel minn abbord fl-14 ta' Novembru. Il-*container* ħareġ mill-Kontroll tas-soċjetà '*Cargo Handling*' fit- 22 ta' Novembru, f'liema ġurnata l-*container* twassal fil-maħżen tar-

riċevitur, ġo B'Kara akkompanjat minn gwardjan tad- dwana. Il-*container* infetaħ hemm fil-prezenza tal-Fizzjal tad-Dwana u dan billi tkissru s-siġilli li kellu l-*container* cioè "*two local seals on two doors and foreign seals on one (1) door only*";

*Omissis;*

Illi rriżulta li l-*container* ġie stivat bil-merkanzija fil-fabbrika tal-*Maglificio 'Zia Flora'*... fl-Italja. Il-vettural ma ħax sehem f'dan l-istivar u meta tgħabba l-*container* fuq il-vapur ġie annotat fuq il-polza tal-kariku li dan kien '*Said to contain* ' 96 kaxxa '*maglieria esterna per neonati*'. Dana jsir peress li l-vapur għalkemm għandu dritt li jiftaħ il-*container* biex jara preċiżament jekk dak li fih jaqbilx perfettament ma dak li ddikjara s-*Shipper*, però ġeneralment joqgħod fuq id-dikjarazzjoni tas-*Shipper*. Hu għalhekk li fost il-kundizzjonijiet fuq it-tergo tal-Polza titniżżel il-kundizzjoni numru 9 li tgħid hekk:

*'The description and particulars of the goods set out on the face hereof are furnished by the Shipper and are unknown to the Company who has no knowledge of the weight, contents, measure, quantity, condition, marks, numbers and value of the goods and who shall be under no responsibility whatsoever in respect of such description and particulars';*

Illi mingħajr ma tidħol fil-profond fil-portata ta' din il-klawsola, peress li dan ma jidhirx meħtieg f'dan il-kaz, il-Qorti tirrileva li l-Qrati tagħna ġieli kellhom okkażżjoni li jikkummentaw fuq is-sinifikat ta' frasi simili għal dak li insibu fuq il-polza odjerna '*said to contain*'. Infatti, per eżempju il-Qorti ta' l-Appell hekk ikkumentat dwar il-frażi '*dice essere*' fil-kawża: 'Vassallo *vs* Patranos' (Koll.Vol.XXV-1-854); u cjoè

li din il-klawsola:

*'Ha precisamente per iscopo di proteggere al capitano contro la differenza che potrebbe esistere tra la quantità realmente caricata e quella che figura sulla polza di carico. È vero che malgrado la clausola 'dice essere', tanto il caricatore quanto il ricevitore può sempre provare che la deficienza nella merce scaricata è dovuta a colpo o dolo dal capitano; però per effetto di detta clausola, si fatta colpa, e molto meno il dolo, del capitano non potrebbero presumersi nè desumersi dalla sola differenza fra la indicazione della polizza e la quantità trovate allo scarico. In una parola la detta clausola ha per effetto di addossare al ricevitore in caso di contestazione la prova che all'infuori del solito calo di tolleranza ammesso dall'uso, la quantità di merce caricata all'origine supera quella consegnata allo arrivo, in altri termini, per quella clausola, il capitano resta esonerato dal verificare il peso dichiarato nella polizza, ed essa ha pure l'effetto di invertire l'onere della prova, che altrimenti sarebbe a peso del capitano, circa la consegna integrale del carico;'*

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-attur ma mexxilux jagħmel sodisfaċentement prova li meta il-*container* tgħabba fuq il-vapur f'Livorno dan effettivament kellu stivati fih il-merkanzija kollha ordnata mir-riċevitur Malti. Fi kliem ieħor, jidher li l-provi tal-attur fihom lakuna serja fis-sens li ma ġiex sodisfaċentement provat li kien hemm fil-*container '96 boxes - maglieria esterna per neonati'* (kif hemm fil-polza tal-karigu) meta il-*container* tgħabba fuq il-vapur. Dana peress li fil-post ta' l-imbark twaħħal siġill fuq il-*container* li jrriżulta li baqa' intatt sa ma wasal fil-maħżen tar-riċevitur malti. Il-Qorti neċessarjament trid tagħti ħafna importanza għall-eżistenza ta' dan is-siġill intatt li x'aktarx jindika li l-*container* ġie imbagħbas qabel ma ġie fil-kustodja

tal-vapur. Naturalment hu konċepibbli l-każ li s-siġill ġie imbagħbas meta l-*container* kien fil-kustodju tal-konvenuti jew xi wieħed minnhom u dan minn xi persuna li tkun esperta fil-materja, però la fil-proċess ma hemm l-ebda provi li jsostnu din l-eventwalità trid bilfors tiġi skartata;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi jidher ċar li l-eċċezzjoni tal-konvenut William Scicluna *et nomine* tidher ġustifikata kif tidher ġustifikata wkoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut l-ieħor Albert Mizzi *et nomine*;

Illi la l-Qorti waslet għal din il-konklużżjoni ma hemm l-ebda utilità li tiġi indagata t-tieni eċċezzjoni ta' dan il-konvenut dwar l-allegata limitazzjoni tar-responsabbilità *a tenur* tal-klawsola 5 u 19 tal-polza tal-kariku;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni - bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.